MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 269/2009/1

**Avviz Numru: 269/2009/CSH**

**Eden Leisure Group Limited (C4529)**

**vs**

**Mario Camilleri f'ismu proprju u kif ezercenti in-negozju bl-isem Production Event Services**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fit-28 ta' April 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***Il-Qorti:-***

*Rat ir-rikors promotur fejn is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut proprio et nomine jhallasha s-somma ta' tmint elef sebgha mija erbgha u hamsin ewro*

*u sebgha u erbghin centezmu (€8,754.47) rapprezentanti din is-somma ammont bilancjali lilha dovut stante li huwa naqas li jirritornalha lura l-Eden Arena sa nhar is-Sibt 18 ta' Frar 2006 f'nofs in-nhar kif kien obbligat li jaghmel ai termini ta' klawsola numru wiehed (1) tal-ftehim datat 16 ta' Jannar 2006 (anness Dok "A") u minflok irritornahielha lura nhar l-20 ta Frar 2006. Dan l-ammont huwa ghalhekk dovut ai termini ta' klawsola nurmu tnejn (2) tal-iskrittura privata annessa.*

*Bl-ispejjez tal-prezenti bl-imghax legali mill-20 ta' Frar 2006 sal effettiv pagament, kontra l-konvenut li huwa ingunt in subizzjoni.*

*Rat ir-risposta tal-konvenut Mario Camilleri kif prezentata nhar il-15 ta' Ottubru 2009 fejn issottometta s-segwenti:-*

*1."Illi l-konvenut mhuwiex il-legittimu kontradittur stante li ffirma l-kuntratt fil-kapacita' tieghu ta' Direttur u ghan-nom ta' International Trading Company (ITC) Limited.*

*2. Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-socjeta' attrici qieghda tippretendi l-hlas ta' €8,754.47 (tmint elef sebgha mija erbgha u hamsin ewro u sebgha u erbghin centezmu) liema ammont mhuwiex dovut mill-konvenut stante is-segwenti fatti:-*

*a. Illi nhar it-18 ta' Jannar 2006 sar kuntratt fejn fuqu dehru l-konvenut ghal I.T.C Ltd. u Simon De Cesare ghas-socjeta' attrici, fejn il-partijiet ftiehmu illi s-socjeta' attrici taghti d-dritt ghall-uzu ghall-kuncert fl-Eden Arena nhar is-17 ta' Frar 2006.*

*b. Illi skont klawsola numru 2.2 tal-ftehim inghad li jekk il-konvenut ma jirritornax l-Arena sas-Sibt 18 ta' Frar 2006 f'nofsinhar, fl-istat kif kien inizjalment qabel ma sar il-kuncert, mela l-konvenut jkollu jhallas ammont ta' tliet mitt lira Maltin (Lm300) ekwivalenti ghal sitt mija u disgha u disghin ewro (€699) sat-tmienja ta' fil-ghaxija tas-Sibt 18 ta' Frar talli l-Arena tkun ghadha okkupata.*

*c. Illi, minn fuq, klawsola 2.2 tkompli tipprovdi illi jekk ikun hemm xi dewmien iehor da parti tal-konvenut, dan ghandu jhallas ammont ta' elf u hames mitt lira maltin (Lm1,500) ekwivalenti ghal tliet elef, erba' mija u hamsa u disghin ewro (€3,495) u VAT f'rati kwotidjani.*

*d. Illi l-konvenut kien zgombra maggor parti tal-equipment li kien gie uzat ghall-kuncert sal-lejl tal-Gimgha 17 ta' Frar 2006, tant illi kull ma kien fadal kienu xi trusses, dustbins u xi aluminju. Dawn ma gewx zgumbrati ghaliex is-socjeta' attrici riedet taghlaq il-post u saqsiet lill-konvenut u l-haddiema tieghu sabiex jirritornaw l-ghada u cioe' s-Sibt. Ghalhekk, l-konvenut u xi haddiema kienu sfurzati jkomplu l-izgombru totali l-gurnata ta' wara. Fil-fatt hekk ghamlu meta iltaqghu s-sibt 18 ta' Frar meta l-konvenut u l-haddiema kienu lesti bil-makkinarju u l-ghodda biex jnehhu kollox sa ma jaghlaq t-terminu tal-ftehim.*

*e. Illi l-anqas dakinhar tas-sibt l-izgombru totali ma seta' jsir minhabba illi s-socjeta' attrici damet sabiex tiftah filghodu u riedet taghlaq ftit sieghat wara. Is-socjeta' attrici nfurmat lill-konvenut u l-haddiema tieghu illi jkomplu jizgumbraw l-Arena t-Tnejn 20 ta' Frar ghax ma kienux ha jifthu l-Arena il-Hadd 19 ta' Frar ghax ma jkun hemm hadd li kien ser jkun disponibbli li jiftah il-post.*

*f. Illi minkejja l-oggezzjoni tal-konvenut illi jizgombra l-equipment jumejn wara illi kien miftiehem, is-socjeta' attrici xorta ma hallitx illi l-izgombru jsir b'tali mod illi ma tapplikax il-klawsola 2.2 tal-ftehim u ghalhekk minhabba tali negligenza da parti tas-socjeta' attrici, l-konvenut kellu jsofri d-danni kif stipulati f'dawn il-klawsoli tal-ftehim.*

*g. Salv eccezzjonijiet ohra.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici."*

*Illi nhar is-26 ta' Jannar 2010 xehed* ***Simon De Cesare*** *fil-kapacita' tieghu ta' General Manager tal-Eden Leisure Group Limited u qal li huwa responsabbli ghall-kiri tal-Arena. Jikkonferma li fit-18 ta' Jannar 2006 huwa kien kera l-Arena lil Mario Camilleri ghan-nom ta' Press*

*Production Events Services u dan skont ftehim li gie esebit u mmarkat bhala Dok "A". Jghid li kienu ftiehmu li Camilleri kellu jbattal il-fond sat-18 ta' Frar 2006 hin l-ikel u kien wieghed li kien ser izomm l-impjegati tieghu sabiex inaddfu il-post. Jirrizulta pero' li l-kerrej Mario Camilleri ma onorax il-ftehim li kellu mieghu ghaliex ma tahx lura ic-cwievet tal-fond qabel il-Tnejn ta' wara l-20 ta' Frar 2006. Jichad dak li gie allegat lilu li Mario Camilleri ma setax inaddaf il-fond ghaliex il-haddiema tieghu ma tawhx access. Jghid li fl-ebda hin ma cempillu Mario Camilleri u talbu sabiex jiftah il-post. Jispjega li Mario Camilleri gab l-impjegati tieghu t-Tnejn ta' wara bit-trakkijijiet u l-haddiema tieghu fethulu l-post. Jichad ukoll li kien hemm xi wiehed mill-haddiema tieghu, Security, li qal lil Mario Camillieri li jekk ma jirritornax ic-cwievet kif miftiehem huwa kien ser jahfirlu l-penali. Anke kieku in pessima ipotesi qal hekk dan ma kellux dritt jghid hekk.*

*Jghid li apparti l-penali Mario Camilleri jrid ihallas ghall-uzu*
*tal-elettriku. Huwa nterpella lil Mario Camilleri diversi drabi sabiex ihallas izda dan kollu ghal xejn ghax baqa' inadampjenti. Jghid ukoll li kien tah l-ittra sabiex ibattal il-fond u jhallsu l-ghada tal-kuncert u din l-ittra hija esebita u mmarkata bhala Dok "RS". Ikkonferma li Mario Camilleri ma hallsu xejn minn dak li qed jitlob fir-rikors promoter tieghu.*

***Walter Frendo** xehed nhar it-8 ta' Marzu 2010 u spjega illi ilu jahdem mas-socjeta' attrici ghal dawn l-ahhar sbatax-il sena u dan bhala Chief Security tal-kumpaniji kollha. Spjega li kull darba li s-socjeta' attrici tikri l-Arena lil terzi, huwa jkun inkarigat fis-sens li jiehu hsieb li ma jkunx hemm hsara, jixghel id-dawl u jkun in charge hemmhekk. Jiftakar li fit-18 ta' Frar 2006 suppost li l-Arena kienet mikrija lil terza persuna u dan peress li kien hemm avveniment 'A tribute to the Beatles'. L-event kien jum il-Gimgha u hu kien xoghol mill-hamsa ta' filghaxija sas-siegha ta' filghodu ta' dakinhar u rega' dahal ghax-xoghol l-ghada s-Sibt fis-siegha. L-ghan kien sabiex l-ghada jsir id-dismantling u t-tindif u kien ghalhekk li huwa dahal ghax-xoghol.*

*Jikkonferma li fit-18 ta' Frar 2006 ic-cwievet tal-Arena kienu f'idejh. Ikkonferma li parti mid-dismantling sar il-Gimgha stess wara l-kuncert. Izda wara l-haddiema kienu telqu minn fuq il-post fis-siegha neqsin kwart ta' filghodu u hallew il-trusses fl-art tal-Arena. Fil-fatt l-ghada s-Sibt huwa mar jiftah bhas-soltu pero' n-nies li kienu krew il-post lejliet ma marrux. Mario Camillieri kien mar is-Sibt wara nofs inhar b'erba' cleaners. Qal li l-ewwel bdew inaddfu l-upper arena. Qal li hu kien baqa' hemm xoghol sat-tmienja ta' filghaxija. Mario kien mar jigbor il-cleaners ftit qabel it-tmienja ta' filghaxija izda dawn ma kienux lesti. Jikkonferma li Simon Decesare kien f'kuntatt maghhom u kien nizel darbtejn zgur filghodu fl-Arena u darb' ohra wara nofsinhar, u kien hu li gibed xi ritratti ghax it-trusses tal-palk kienu ghadhom hemm. Konsegwentement il-main floor tal-Arena ma setax jitnaddaf.*

*Mistoqsi meta ezattament tnehhew it-trusses tal-palk, jghid li ma jiftakarx u jzid li sakemm dam hemmhekk, ma jiftakarx li effettivament tnehhew. Il-Hadd ma kienx dahal ghax-xoghol u lanqas ma kien mitlub jidhol u ma kellu l-ebda ftehim ma' Mario Camilleri sabiex ikompli bit-tindif. It-Tnejn ta' wara dahlu n-nies li soltu jiehdu hsieb l-Arena.*

*In kontro ezami jghid li l-upper Arena tikkonsisti fejn hemm l-ufficini u l-kmamar waqt li l-main floor hija l-parti t'isfel fejn ikun hemm il-palk u s-siggijiet tal-event. It-trusses kienu fil-main floor cioe' fil-main Arena.*

*Huwa esebixxa pjanta maghmula minnu seduta stante bhala skizz tal-Arena u din giet immarkata bhala Dok "Z". Fuq din il-pjanta huwa ndika l-main floor u fejn kienu t-trusses.*

*Jghid li hdejn il-palk kien hemm xi tuzzana garbage bags u dawn ma tnehhewx sa filghaxija. Fil-fatt jghid li meta gew il-cleaners kienu naddfu l-upper area, poggew l-affarijiet fil-garbage bags u hallewhom hemm fil-main floor. Mistoqsi kemm kien hemm trusses jghid li ma jafx, pero' jaf li kien hemm munzell, bundle ta' trusses. Spjega li trusses huma hadid li fuqu jintramaw id-dwal.*

*Qal li mhux minnu dak li gie allegat lilu li huwa qal lill-haddiema li kellu bzonn jitlaq, anzi jghid li ghamel hinijiet zejda hemmhekk, ghamel tnax-il siegha straight. Jghid li mhux minnu lanqas li huwa gie mitlub jiftah il-Hadd u li lanqas m'hu minnu li Mario Camilleri talbu biex jiftah. Ikkonferma li s-Sibt il-cleaners kienu marru jnaddfu tard wara nofsinhar. Jghid li meta telqu l-haddiema huwa staqsa lil Simon Decesare x'kellu jghamel, u dan qallu sabiex jippancja u jitlaq 'l hemm. Hekk ghamel u hadd ma qallu meta kienu ser jirritornaw il-haddiema.*

***Christopher Gatt** xehed nhar l-14 ta' April 2010 u spjega illi huwa jokkupa l-kariga ta' Head of Maintenace u ilu jokkupa dik il-kariga ghal dawn l-ahhar ghaxar snin. Jghid li fi Frar 2006 kien sar kuncert tal-Beatles gewwa l-Eden Arena. Jghid li dakinhar tat-18 ta' Frar ma kienx xoghol izda aktar tard jghid li jum il-Gimgha, il-jum tal-kuncert, huwa kien xoghol u kien telaq minn fuq il-post ghall-habta tas-siegha ta' filghodu, u jghid li diga' kien hemm xi haddiema qed izarmaw izda ma lehqux spiccaw. Kien rega' dahal ghax-xoghol it-Tnejn ta' wara. Jghid li fl-20 ta' Frar 2006 ghal habta tat-tmienja ta' filghodu kien fetah l-Arena sabiex isir it-tindif. Jiftakar li meta fetah kien ra li kien hemm numru ta' boroz suwed bl-imbarazz u l-post ma kienx imnaddaf sew. Jghid li kienu marru wkoll xi nies sabiex jaghmlu xi dismantling. Mistoqsi min kienu dawn in-nies jghid li ma jiftakarx, pero' jemmen li kienu nies mibghuta mill-Organizzaturi tal-event. Jghid li huwa baqa' hemmhekk sal-erbgha u nofs u l-haddiema kienu ghadhom hemm. Jghid li sakemm dam hemm, hadd mill-organizzaturi ma mar ikellmu. Mistoqsi kemm kien hemm trusses jghid li kien hemm bejn tnax u hmistax-il bicca. Jghid li basktijiet suwed kien hemm madwar hmistax bl-imbarazz. Mistoqsi x'xoghol sar matul il-weekend jghid li ma jafx ghaliex hu ma resaqx lejn ix-xoghol.*

*Nhar is-26 ta' Ottubru 2010 xehed **Adrian Figallo** l-Operations Sales Manager tas-socjeta I.T.C. Jghid li huwa ha hsieb il-logistika tal-kuncert li kellu sir tal-Beatles ghan-nom ta' Mario Camilleri. Qal li kienu qalulu sabiex huwa jaghmel kuntatt ma' tas-Security sabiex wara l-kuncert*

*ikunu jistghu izarmaw, u fil-fatt hekk ghamel, u wara l-kuncert bdew izarmaw. Jghid li s-security beda jigri warajhom u jghaggilhom ghaliex kien ilu hemm hafna. Jghid li fil-fatt dan is-security garr hafna ghaliex l-ghada kellu jidhol ghax-xoghol u ghalhekk huma telqu bla ma lestew ix-xoghol. Pero' jghid li ftit kien fadal affarijiet ghall-ghada, bhal xi bicciet tal-aluminium u xi bins. Jghid li l-ghada filghodu marru fuq il-post u din il-persuna giet tard ghax-xoghol, ghall-habta tal-ghaxra, u ried ukoll jitlaq kmieni cioe' ghal xi s-saghtejn u huwa rrefera din il-kwistjoni lid-Diretturi tieghu u kellu jintbaghat hadd iehor floku, izda min gie floku wkoll ma setax idum maghhom ghax kellu jkompli xoghlu fic-cinema. Huma komplew jghabbu l-affarijiet is-Sibt u spiccaw ghall-habta tas-sitta u nofs. Ikkonferma li l-Hadd ma ghamlux xoghol ghaliex hadd ma kien available sabiex jifthilhom il-post. Huma maru jigbru l-ahhar bicciet taghhom it-Tnejn. Mistoqsi min kienet il-persuna li tkellem maghha min-naha tal-Eden jghid li ma jafx. Jghid li waqt li kienu qed izarmaw kienu dahlu l-cleaners u skart zgur li ma hallewx. Kien ghad fadal biss zewg boroz ma' genb il-bins li kienu ser jingabru. Huma poggew l-affarijiet li bdew izarmaw hdejn il-bieb ta' barra. Ikkonferma li sas-Sibt fit-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar kullimkien kien zarmat, izda l-oggetti ghadhom fil-post. Ikkonferma li ma lahqux hargu z-zarmar kollu s-sibt u kien ghalhekk li marru wkoll it-Tnejn. Pero' jghid li ma tantx kien ghad fadal xoghol.*

***Joseph Degiorgio*** *xehed permezz ta' affidavit konfermat nhar l-24 ta' Novembru 2010. Jghid li f'Jannar 2006 is-socjeta' I.T.C. Limited kienet ghamlet kuntatt mieghu u talbitu sabiex jiehu hsieb it-tindif fl-Eden Arena fis-17 ta' Frar 2006 wara l-kuncert bl-isem 'Bootleg Beatles Show' li kienet qed torganizza f'dan il-post. Jghid li huma naddfu s-sala dakinhar stess filghodu biex tkun lest ghall-kuncert ta' filghaxija. Il-kuntratt kien ikopri tindif immedjat wara l-kuncert u kellhom jidhlu ezatt wara li jispicca il-kuncert. Dan kien ghall-habta tas-siegha/siegha u nofs ta' filghodu.*

*Jiftakar li dakinhar ix-xoghol tal-izbarazzar kien miexi sew u li huma setghu jibdew partijiet mis-sala. Jiftakar li ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu kien hemm xi dizgwid bejn*

*wiehed mis-supervisors u l-orgainzzaturi tal-kuncert ghaliex dan is-supervisor ried jaghlaq is-sala fl-erbgha ta' filghodu. Kien hemm diversi argumenti sabiex il-post jibqa' miftuh u wara giet telefonata li saret mal-owner tal-Arena, li kien wiehed minn ta' Decesare, u kien gie miftiehem li kellhom jidhlu l-ghada sabiex ikomplu. Huma telqu minn fuq il-post ghall-habta tal-erbgha ta' filghodu u kienu fuq il-post mill-gdid l-ghada ghall-habta tas-sebgha u ghoxrin ta' filghodu, izda sabuh maghluq. Stennew sat-tmienja u nofs flimkien ma' xi nies ohra sabiex ikomplu, izda hadd ma mar jiftah. Huwa cempel lil Mario Camillieri u lil Adrian Figallo u dawn qalulu sabiex ikomplu it-Tnejn. Jghid li t-Tnejn filghodu huma kienu fuq il-post u hemm ma dahal hadd aktar salv l-organizzaturi tal-kuncert biex inehhu xi travi tal-aluminium li kien qieghed ippakkjat pulit f'genb ta' wiehed mill-kurituri dojoq li hemm fuq wara tal-entratura. Ikkonferma li l-post hallewh nadif aktar minn kif sabuh, u cioe' qabel ma intrama ghax-show.*

*Rat ix-xhieda moghtija minn* ***Mario Camilleri*** *permezz tal-affidavit tieghu kif konfermat minnu quddiem il-Qorti nhar is-26 ta' Ottubru 2010. Dan spjega illi huwa jokkupa l-kariga ta' Direttur mas-socjeta' International Trading Company (I.T.C.) Limited. Stqarr illi fl-ewwel xhur tas-sena 2006 kienu qed jippjanaw il-kuncert 'Beatles Show' fl-Eden Arena. L-I.T.C. kriet minghad is-socjeta' attrici l-fond Eden Arena u dan skont il-kuntratt esebit u ffirmat nhar it-18 ta' Jannar 2006 (Dok "MC 1"). Jghid li huwa kien deher fuq dan il-kuntratt da parti ta' Production Event Services ghal ITC Group bhala 'operator' u Simon Decesare bhala segretarju tas-socjeta' attrici.*

*Qal illi huma hadu pusses tal-Arena lejliet is-show u dan fis-16 ta' Frar 2006 u kellhom jirritornawh sal-ghada tax-show is-Sibt 18 ta' Frar 2006 hin nofsinhar, u dan skont l-ewwel klawsola tal-kuntratt. Il-kirja saret ghall-prezz ta' erbat elef u seba' mitt lira Maltin (Lm4,700) ekwivalenti ghal ghaxart elef disa' mija u tmienja u erbghin ewro u hames centezmi (€10,948.05) u VAT. Jghid ukoll li dakinhar tal-kuntratt huwa hallas is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) ekwivalenti ghal elfejn tliet mija disgha u*

*ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetezmu (€2,329.37) bhala deposit non refundable.*

*Spjega li skont il-kuntratt huwa kien intrabat li jekk ma jirritornawx l-Arena sas-Sibt 18 ta' Frar 2006 f'nofsinhar fl-istat li kienet meta haduha, kellu jhallas tliet mitt lira Maltin (Lm300) ekwivalenti ghal sitt mija u disgha u disghin ewro (€699) u din il-penali kienet tapplika limitatament jekk jittardja sas-saghtejn ta' wara nofsinhar (klawsola 2.2). Din il-penali tizdied skont il-kuntratt.*

*Jghid li dakinhar appena spicca l-kuncert huma bdew jizgombraw l-Arena immedjatament u fil-fatt kienu diga' zarmaw kollox minn taht il-palk, u sabiex ihaffu l-process ressqu l-affarijiet li kienu zarmaw minn fejn l-istage ghal fejn hemm l-entratura, biex imbaghad kemm ihottuhom ghal barra. Jghid li kull ma kien fadal kienu t-trusses, dustbins u aluminium. Jghid li waqt dan il-process kien hemm maghom is-Security li kienet baghtet is-socjeta' attrici li kien qed jissorvelja u jzomm ic-cwievet ghall-access ghall-Arena. Jghid li dan is-security qalilhom li l-ghada kien xoghol u ghalhekk setghu jkomplu l-ghada bl-izgumbrar. Jghid li kieku ma kienx is-security li qalilhom li xtaq jitlaq, kienu jkomplu jzarmaw dakinhar stess. Ikkonferma li l-haddiema tieghu huma mdorrija jahdmu billejl ghax jahdmu part time u ghalhekk ma kinitx problema*
*ghalihom.*

*Qal ukoll li l-istage kien sub-appaltat lil terzi u dawn riedu jzarmaw dakinhar stess ghaliex l-ghada kellhom jarmaw xi mkien iehor. Dan nonostante jghid li s-security riedu li huma jirritornaw l-ghada biex jispiccaw l-inkarigu taghhom. Jghid li huwa oggezzjona ghal dan il-fatt li kellhom jirritornaw l-ghada, izda dan kien kollu ghal xejn ghaliex il-haddiema tas-socjeta' attrici nsistew li riedu jaghlqu l-post. Jghid ukoll li dan is-security qallu li l-principal tieghu kien ikkoncedielhom li jbattlu l-fond sal-20 ta' Frar 2006. Jikkonferma li dakinhar huma telqu minn fuq il-post ghall-habta tal-erbgha ta' filghodu tas-Sibt.*

*Jghid li l-ghada meta regghu marru, kien mar biss haddiem wiehed tas-socjeta' attrici, u kien fethilhom tard cioe' ghall-habta tad-disgha u nofs / l-ghaxra, u qalilhom li ried jaghlaq fis-saghtejn. Huwa oggezzjona ghaliex ma riedx ikompli jipposponi l-izgumbrament li kellu jsir u jkollu ihallas ic-charges skont il-kuntratt. Huwa ghalhekk ghamel kuntatt ma' Simon Decesare li allegatament kien qallu li kellu jibghat security iehor biex jissostitwixxi lil dak li kien hemm. Fil-fatt hekk gara, u Ian Decesare baghat id-door keeper tac-cinema sabiex jissostiwih, izda dan ukoll qalilhom li kellu xoghol iehor fis-sebgha u ghalhekk kellu jitlaq dak il-hin, ghalhekk setghu jkomplu biss it-Tnejn 20 ta' Frar 2006 u dan ghaliex il-Hadd ma kien ser ikun hemm hadd biex jiftah. Meta dan qallu hekk fehem li kien mibghut jghid hekk, u ghalhekk fehem li l-principal tieghu kien awtorizzah jghid hekk. Ma hassx ghalhekk li kellu jaghmel kuntatt mad-dirigenti tas-socjeta' attrici dwar dan.*

*Jikkonferma dwar it-tindif pero', li l-istaff tieghu kienu diga' naddfu kullimkien wara l-kuncert fis-sieghat bikrin ta' filghodu tal-Gimgha, ghalkemm jghid li t-Tnejn 20 ta' Frar 2006 regghu marru fuq il-post mieghu sabiex ghamlu t-tindif ghat-tieni darba. Jghid li dan it-tieni servizz kien kumplimentarju u bla flus. Kien gest li ghamel minn jeddu lejn is-socjeta' attrici.*

*Ghadda z-zmien u fit-22 ta' Frar 2006 ircevew invoice numru 1214 minghand is-socjeta' attrici ghal erbat elef mija u lira u tmienja u hamsin Lira Maltin (Lm4,101.58) skont id-dokument esebit u mmarkat Dok "MC 2" sabiex jaghmlu tajjeb ghall-penali li ntrabtu li jhallsu skont il-kuntratt.*

*Huwa ma hassx li dawn l-extra rental charges kienu gusti u dan ghaliex huma damu sabiex jirritornaw il-post minhabba inadempjenza min-naha tas-socjeta' attrici li naqset li tipprovdi haddiema sabiex jaghtu access fil-hin adegwat sabiex il-fond jigi zgumbrat. Jghid li huwa tpogga dahru mal-hajt ghaliex wahhlulu c-charges ghal xejn u hija s-socjeta' attrici li ghandha tir-rispondi ghal dan id-dewmien u konsegwentement tinstab responsabbli ghalih.*

*Jaghmel referenza ghall-e-mail mibghuta minn Catherine Gullaumier, il-Personal Assistant tieghu lil Simon Decesare ghan-nom tas-socjeta' attrici, liema e-mail tinsab esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok MC 3, fejn huwa kkontesta dan il-kont tas-socjeta' attrici. Jghid li fir-risposta li baghtitlu s-socjeta' attrici qalet li d-dewmien kien imputabbli lilu ghaliex ma rritornax il-post fiz-zmien miftiehem, ghaliex il-haddiema tieghu ma zgombrawx u ma naddfux il-post fil-hin.*

*Fil-kontro-ezami tieghu nhar id-9 ta' Marzu 2011 Mario Camilleri jghid li jahseb li l-persuna tas-security li kienet qed tkun maghhom waqt li kienu qed jahdmu, hija l-inginier tal-Hotel, pero' x'jisimha din il-persuna ma jafx. Jaf li l-persuna kellha bejn wiehed 36 jew 38 sena. Mistoqsi jekk kinitx wahda mill-persuni li xehdet f'dawn il-proceduri jghid li ma jafx ghaliex huwa ma kienx prezenti waqt li xehdu x-xhieda f'din il-kawza.*

*Rat in-nota tal-konvenut prezetentata fl-atti nhar id-9 ta' Marzu 2011 li permezz taghha huwa esebixxa l-affidavit ta'* **Mario Caruana** *fejn jispjega li fl-ewwel xhur tas-sena 2006 kien gie ikkuntatjat mis-socjeta' I.T.C. sabiex jipprovdilhom id-dawl ghall-avveniment li kienet ser torganizza gewwa l-Eden Arena nhar is-17 ta' Frar 2006. Jghid li l-ghada pero' kellu jarma band'ohra. Jiftakar li dak inhar kif spicca l-kuncert huma bdew biz-zarmar tad-dwal. Jghid pero' li l-ewwel kellhom jistennew sabiex jitnehhew is-siggijiet li kien hemm fl-Arena li kienu proprjeta' tas-socjeta' attrici. Jghid illi kellha tkun is-socjeta' attrici li tnehhi dawn is-siggijiet, pero' dak inhar kien hemm biss persuna wahda impjegata tas-socjeta' attrici u ghalhekk damu hafna. Jghid li din il-persuna kienet qed tippressahom sabiex ihaffu fiz-zarmar tad-dawl. Jghid li huwa xtaq jibqa' jahdem tul il-lejl u jzarma*
*bil-mod, pero' dan l-impjegat tas-socjeta' attrici ma setax jibqa' fuq il-post u tant insista maghhom li kellhom jieqfu minn dak li kienu qed jaghmlu. Jghid li l-Gimgha fis-sieghat*
*bikrin ta' filghodu spiccaw anke jghinu lill-haddiema li kienu qed izarmaw il-palk, peress li dawn ukoll kellhom il-bzonn il-palk band'ohra l-ghada. Jghid li dakinhar mieghu*

*kien hemm seba' haddiema full time u part time li jahdmu mal-I.T.C. u kellu wkoll crew ta' sitta min-nies ohra mieghu biex jghinuh izarma malajr. Nonnostante li ha hsieb li jkollu l-haddiema mieghu, xorta wahda ma setax jispicca jzarma l-Gimgha bil-lejl u dan ghaliex is-socjeta' attrici ma tatux l-access li ried. Jikkonferma wkoll li f'xi hin is-security gie mibdul minn haddiem iehor tal-istess socjeta' attrici, u minfloku gie cinema attendant. Jghid li s-Sibt filghodu huma kienu marru biex ikomplu bix-xoghol, ghall-habta tas-sebgha, izda il-post ma infetahx qabel id-9.30.a.m. Jghid ukoll li l-haddiema kienu kollha bit-tir li jahdmu l-lejl kollu, izda minn dan ma sar xejn.*

*Il-partijiet trattaw l-kawza fis-seduta ta' nhar is-16 ta' Marzu 2011 u f'dik is-seduta l-partijiet awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.*

*Ikkunsdrat:*

*Illi f'din il-kawza fl-ewwel lok il-konvenut jghid li mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress illi huwa ffirma l-ftehim mertu tal-kawza fil-kapacita' tieghu ta' Direttur tas-socjeta' International Trading Company Limited (I.T.C.) u mhux fil-kwalita' tieghu personali. Jirrizulta wkoll li fil-ftehim iffirmat bejniethom, Dok "NC 1", hemm imnizzel li r-registered office ta' Mario Camilleri hu Whitehouse Buildings, Muntbatten Street, Blata l-Bajda u dan ghalhekk ifisser li kien hemm socjeta' b'responsabilita' limitata li kellha ufficcju registrat hemmhekk. Production Event Services m'ghandhiex rappresentanza guridika wahedha.*

*Illi minn ezami tal-kuntratt esebit fl-atti w immarkat bhala Dok "A" a fol. 2 jirrizulta li l-konvenut deher bhala 'Operator'*
*ghan-nom ta' PRES – Production Event Services of the ITC Group. Jinghad ukoll li fid-dokument immarkat bhala Dok MC 2 datat 22 ta' Frar 2006 esebit permezz ta' nota datata 30 ta' Mazu 2011 jidher li l-invoice li giet mibghuta mis-socjeta' attrici lil Production Event Services ghandha hdejha intestat ITC u ma hemm imkien imnizzel isem il-konvenut de proprio.*

***Konsiderazzjonijiet legali.***

*Kif gie osservat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri ) nhar l-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet* ***Korporazzjoni Ghas Servizzi tal-ilma et vs Emanuel Grixti*** *jinghad li "b'relazzjoni guridika wiehed necesarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu' ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha."*

*Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et*** *deciza nhar il-hamsa (5) t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:-*

*"Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kinetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kinetx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn*

*haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*

*Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet* ***Camel Brand Co Ltd vs Michael Debono*** *deciza fil-1 ta' Marzu 2002 dwar l-istitut ta' Legittimu kontradittur fejn gie ritenut li:-*

*"Normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni"*

*Skont is-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet* ***Camel Brand Co Ltd Vs Debono Michael*** *inghad li :-*

*"Meta negozju jkun gestit minn socjeta` b'responsabbilta` limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha.*

*Tali indikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, etc. relatati ma' akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor.*

*Normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni."*

*Illi ghalhekk il-Qorti thoss li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hija gusta u ghandha tigi milqugha, b'dan illi taqbel li l-konvenut de proprio m'ghandux relazzjoni*

*guridika mas-socjeta' attrici u li s-socjeta' attrici messha harrket lis-socjeta' I.T.C. sabiex twiegeb ghat-talba taghha.*

*Konsegwentement din il-Qorti ma thossx li ghandha tidhol sabiex tiddiskuti l-mertu tal-kaz, stante li ma jolqotx il-konvenut odjern.*

***Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tiddikjara li m'ghandux relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici konsegwentement tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.***

***Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.***

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` Eden Leisure Group Limited (C4529) datat 17 ta' Mejju 2011 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-8 ta' Novembru 2011.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Mario Camilleri datata 10 ta' Gunju 2011 a fol 9 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-8 ta' Novembru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Anthony Cutajar ghas-socjeta` appellata. L-appellat u d-difensur tieghu msejha diversi drabi baghu ma dehrux. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghat-30 ta' Novembru 2011.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 28 ta' April 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi l-agravju tas-socjeta` appellanti huwa fis-sens illi l-Qorti tal-ewwel grad iddecidiet l-ewwel ecezzjoni moghtija mill-appellati fis-sens li l-konvenut personali ma huwiex il-legittimu kontradittur *stante* li ffirma l-kuntratt fil-kapacita` tieghu ta' direttur u ghan-nom tas-socjeta` International Trading Company (ITC) Limited u dan meta l-istess eccezzjoni kienet giet irtirata fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2010 fil-proceduri stess quddiem l-ewwel Qorti.

Illi fil-fatt jirrizulta mill-atti processwali li dan huwa minnu, tant li l-verbal tas-seduta tas-26 ta' Jannar 2010 (fol. 11) jaqra li "F' dan l-istadju Dr. Mifsud jirtira l-ewwel eccezzjoni tieghu." Mela allura dan ifisser li l-istess eccezzjoni ma baqghetx quddiem l-ewwel Qorti, b'dan allura li ma kellu jkun hemm l-ebda gudizzju dwarha, proprju ghaliex ladarba tali eccezzjoni giet irtirata ma kienx hemm izjed dan il-kwezit quddiem l-istess Qorti.

Illi jirrizulta ghalhekk li l-ewwel Qorti probabbilment bi zvista ma haditx konjizzjoni ta' dak li gie verbalizzat fis-seduta imsemmija tas-26 ta' Jannar 2010, tant li fis-sentenza moghtija minnha datata 28 ta' April 2011 investiet proprja din l-eccezzjoni kif jirrizulta anke fil-konsiderazzjonijiet maghmula mill-istess Qorti tant li dawn jibdew bil-kliem "illi f' din il-kawza fl-ewwel lok il-konvenut jghid li ma huwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju …." u b'hekk jirrizulta li bi zvista inghatat decizjoni fuq punt li ma kienx ghadu jifforma kontestazzjoni jew parti mill-kontestazzjoni bejn il-partijiet u ghalhekk dan irendi l-istess sentenza moghtija mill-ewwel Qorti proprju fuq din l-ewwel eccezzjoni li giet irtirata bhala nulla u bla effett *ai termini* tal-ligi.

Illi ghall- kompletezza jinghad li l-punt sollevat mill-appellat odjern li l-Qorti xorta kellha tiddeciedi dan il-punt, anke jekk irtirat ghaliex huwa tali li jista' jitqajjem *ex*

*officio*, huwa kompletament bla ebda bazi legali ghaliex tali eccezzjoni  ma ghandu xejn li huwa ta’ ordni pubbliku.

Illi ghalhekk l-appell kif propost qed jigi milqugh.

## III.   KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appellat biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma’ dak hawn deciz **tilqa’ l-appell interpost mis-socjeta` appellanti Eden Leisure Group Limited fir-rikors tal-appell taghha datat 17 ta’ Mejju 2011 ghar-ragunijiet hawn decizi b’ dan illi qed thassar, tannulla u tirrevoka d-decizjoni appellata fl-ismijiet premessi “Eden Leisure Group Limited vs Mario Camilleri proprio et nomine” (Avviz Numru 269/2009) deciza fit-28 ta’ April 2011 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), b’dan li tirrimanda u tirrinvija l-atti lura lill-imsemmija Qorti hawn indikata sabiex tiddeciedi l-kaz skont il-ligi.**

**Bl-ispejjez ta’ din id-decizjoni riservati ghas-sentenza finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------